Nru./No. 21,527
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 27 ta' Ottubru, 2025
Monday, 27th October, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 14,305
Proclamation by the President of Malta *14,305*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 14,306
Government Notices *14,306*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,307 - 14,308
Court Notices ..... *14,307 - 14,308*

Anno Domini 2025 Nru. IV

Proklama

MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Miriam Spiteri Debono
President

BILLI bis-saħħa tal-artikolu 2 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Erarju (Kapitolu 62), huwa provdut li kull meta jingħata avviż minn Ministru lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati ta' Abbozz ta' Liġi dwar l-impożizzjoni ta' dazju ġdid jew dwar żieda ta' dazju li diġà hemm, dan id-dazju ġdid jew din iż-żieda ta' dazju għandhom jittieħdu u jinġabru mill-Awtorità li tiġi stabbilita fl-Abbozz minn dakinhar li tiġi maħruġa Proklama biex tgħarraf li ħareġ avviż kif jingħad hawn fuq;

JIENA, GĦALHEKK, qiegħda b'dan nipproklama illi avviż ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ Att biex jimplimenta diversi miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2026 u miżuri amministrattivi oħra u li għandu bħala skop l-impożizzjoni ta' dazji ġodda u ż-żieda ta' dazji eżistenti ġie mogħti mill-Ministru għall-Finanzi lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati u li kopja ta' dak l-Abbozz ġiet ippreżentata għand l-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati;

Iżda mingħajr preġudizzju għad-dħul fis-seħħ minnufih ta' din il-Proklama għar-rigward ta' kull ħaġa li hemm ipprovdut li dwarha data aktar tard hi provduta fl-Abbozz għall-bidu fis-seħħ, din il-Proklama għandha tibda fis-seħħ fir-rigward ta' dik il-ħaġa fid-data kif provdut fl-Abbozz.

Magħmula fil-Palazz, il-Belt Valletta, illum 27 ta' Ottubru, 2025.

B'Awtorità,

(Iff.) Robert Abela
Prim Ministru

Anno Domini 2025 No. IV

Proclamation

BY THE PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd) Miriam Spiteri Debono
President

WHEREAS by virtue of article 2 of the Revenue (Safeguard) Act (Chapter 62), it is provided that whenever notice is given by a Minister to the Clerk of the House of Representatives of a Bill having for its object the imposition of a new duty or the increase of an existing duty, such new duty or increase of duty shall be levied and collected by the Authority designated in the Bill as from the day on which a Proclamation is issued to the effect that the said notice has been given;

NOW, THEREFORE, I do hereby proclaim that notice of a Bill entitled An Act to implement Budget measures for the Financial Year 2026 and other administrative measures and having as its object the imposition of new duties and the increase of existing duties, has been given by the Minister for Finance to the Clerk of the House of Representatives and that a copy of such Bill has been filed with the Clerk of the House of Representatives;

Provided that without prejudice to the immediate coming into force of this Proclamation with respect to any matter in respect of which a later date is provided in the Bill for its coming into force the present Proclamation shall come into force with respect to such matter as from the date provided in the Bill.

Made at The Palace, Valletta, this 27th day of October, 2025.

By Authority,

(Sd) Robert Abela
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1697

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru, 2025, u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1680 tal-21 ta' Ottubru, 2025, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

L-24 ta' Ottubru, 2025
(OPM/19/2022)

Nru. 1698

MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Persuni li jwettqu funzjonijiet relatati mas-servizz barrani tal-Gvern barra minn Malta

Aquilina, is-Sur Darrell – Counsellor, Ambaxxata tar-Repubblika ta' Malta, Moska, Il-Federazzjoni Russa

Muscat, is-Sur David – Rappreżentant, Uffiċċju Rappreżentattiv tar-Repubblika ta' Malta, Ramallah, il-Palestina

Uffiċjali Pubbliċi/Impjegati Pubbliċi

Borg, is-Sur Steve Philip – Manager I, Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg

Fenech, is-Sur Connor – Manager I, Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg

Spooner, is-Sa Lucille – Manager II (Compliance), Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg

Swift, is-Sa Maria Teresa – Uffiċjal Amministrattiv, Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg

Avukati

Cachia, Dott. Nicholas

Sciberras Camilleri, Dott. Andrew

B'Awtorità
Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Is-27 ta' Ottubru, 2025
MJEG21/2020/4

GOVERNMENT NOTICES

No. 1697

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP, resumed duties as Prime Minister on Friday, 24th October, 2025, and that the arrangements made by Government Notice No. 1680 of the 21st October, 2025, ceased to have effect accordingly.

24th October, 2025

No. 1698

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article 3 of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Persons who perform functions relating to the foreign service of the Government outside Malta

Aquilina, Mr Darrell – Counsellor, Embassy of the Republic of Malta, Moscow, The Russian Federation

Muscat, Mr David – Representative, Representative Office of the Republic of Malta, Ramallah, Palestine

Public Officers/Public Employees

Borg, Mr Steve Philip – Manager I, Department for Industrial and Employment Relations

Fenech, Mr Connor – Manager I, Department for Industrial and Employment Relations

Spooner, Ms Lucille – Manager II (Compliance), Department for Industrial and Employment Relations

Swift, Ms Maria Teresa – Administrative Officer, Department for Industrial and Employment Relations

Advocates

Cachia, Dr Nicholas

Sciberras Camilleri, Dr Andrew

By Authority
Jonathan Attard
Minister for Justice and Reform of the Construction Sector

27th October, 2025

2672

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni Kummerċ), fis-6 ta' Ġunju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 8/2025ISB, fl-ismijiet: STM Malta Pension Services Ltd et vs ir-Registratur tal-Kumpaniji et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: STM Malta Pension Services Ltd et vs ir-Registratur tal-Kumpaniji et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni Kummerċ) fit-30 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija Harbour Pensions Limited minn fuq ir-reġistru tal-kumpaniji kien vizzjat b'illegalità ta' natura materjali għar-raġunijiet fuq imsemmija u għalhekk jissussistu l-elementi rikjesti mill-Artikolu 300B tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ;

2. Tordna lir-Reġistratur intimat sabiex, ai termini tal-Artikolu 300(B) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jerġa' jdaħħal l-isem tal-kumpanija Harbour Pensions Limited (C59316) fir-reġistru tal-kumpaniji sabiex l-istralċ jerġa' jinfetaħ;

3. Tordna lir-Reġistratur intimat sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattivament għal tali inserzjoni fir-reġistru tal-kumpaniji;

4. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrulha xierqa u opportuni fir-rigward tal-ħatra tal-likwidatur tal-kumpanija Harbour Pensions Limited u x-xoljiment u l-istralċ tal-istess kumpanija;

5. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrulha xierqa u opportuni sabiex l-ilmenti, claims, obbligi u pendenzi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-investimenti li l-STM Harbour Retirement Scheme għamlet fi ħdan il-Blackmore Global PCC Limited ossija Blackmore Global Fund imsemmija aktar 'il fuq, jiġu debitament indirizzati u ffinalizzati inkluż tramite l-proċedimenti legali opportuni u sabiex il-kumpanija Harbour Pensions Limited tkun tista' tużufruwixxi ruħha mid-debita polza ta' assigurazzjoni f'isimha u tieħu dawk il-passi legali li jidhrulha opportuni sabiex tkun tista' tissalvagwardja u tenforza d-drittijiet tagħha;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Trade Section), on the 6th June, 2025, in the records of the Sworn application number 8/2025ISB, in the names: STM Malta pension services Ltd et vs the Registrar of companies et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: STM Malta pension services Ltd et vs the Registrar of companies et filed in the Civil Court, First Hall (Trade Section) on the 30th January, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the winding up and the cancellation of the company Harbour Pensions Limited from the register of companies was vitiated by illegality of a material nature for the reasons above mentioned and thus there exist the elements required by Article 300B of Cap. 386 of the Laws of Malta for the name of the company to be restored on the register and for the winding up to be reopened;

2. Order the respondent Registrar so that, in terms of Article 300 (B) of Cap. 386 of the Laws of Malta, to reinstate the name of the company Harbour Pensions Limited (C59316) in the companies register so that the winding up is reopened;

3. Order the respondent Registrar to carry out all the necessary publications in terms of law relative to such entry in the register of companies;

4. Give all those provisions it deems fit and opportune regarding the appointment of the liquidator of the company Harbour Pensions Limited and the dissolution and winding up of the same company;

5. Give all those provisions it deems fit and opportune so that all the complaints, claims, obligations and pendencies relating to the investments that the STM Harbour retirement scheme made within the Blackmore global PCC Limited or rather Blackmore global Fund mentioned above, are duly addressed and finalised including through the opportune legal proceedings and so that the company Harbour Pensions Limited can avail itself of the due insurance policy in its name and take such legal steps as it deems opportune to enable it to safeguard and enforce its rights;

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 8/2025ISB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-12 ta' Novembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Kevin Farrugia (279982M), 2, Flat 6, Chelsea Court, Triq Għar il-Lembi, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn application number 8/2025ISB in the names mentioned above is postponed to 12th November, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Kevin Farrugia (279982M), 2, Flat 6, Chelsea Court, Triq Għar il-Lembi, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 23rd July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2673

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1037/2024MS, fl-ismijiet: Kenneth Tanti vs Carmen James et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Kenneth Tanti (72677M) vs Carmen James (481154M) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Settembru, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li r-rikorrent sofra danni kawża tal-aġir tal-intimati jew min minnhom;

2. Tillikwida tali danni sofferti mir-rikorrent, okkorendo permezz ta' periti nominandi;

3. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu tali danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1037/2024MS fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-3 ta' Novembru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Carmen James (481154M), 2, Ħniena Divina, Triq l-Isqof Emmanuel Galea, Iż-Żejtun
Joseph Charles Zerafa (84683M), 165, Triq Għajn Dwieli, Paola

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 16th October, 2025, in the records of the Sworn application number 1037/2024MS, in the names: Kenneth Tanti vs Carmen James et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Kenneth Tanti (72677M) vs Carmen James (481154M) et filed in the Civil Court, First Hall, on the 24th September, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the applicant suffered damages as a result of the behaviour of the respondents or either of them;

2. Liquidate the damages suffered by the applicant, if necessary by means of referees;

3. Order the respondents or either of whom to pay such damages so liquidated;

With all costs and legal interest against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application number 1037/2024MS in the names mentioned above is postponed to 3rd November, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Carmen James (481154M), 2, Ħniena Divina, Triq l-Isqof Emmanuel Galea, Żejtun
Joseph Charles Zerafa (84683M), 165, Għajn Dwieli Street, Paola

Registry of the Superior Courts, today 23rd July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603